Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 661/2010

**Fogg Insurance Agencies Limited C597 għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Argus Insurance company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha John Vella u l-istess John Vella u b'digriet tat-Tribunal tat-3 ta' Frar 2015 isem is-soċjeta' attriċi ġie mibdul għal Argus Insurance Agencies Ltd.**

**(appellati)**

**Vs**

**Kunsill Lokali Luqa u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2011 ġie kjamat in kawża id-Direttorat dwar l-Infrastruttura u n-Network fi ħdan Transport Malta u b'digriet tat-Tribunal tal-1 ta' Novembru 2012, id-direttorat tal-Infrastruttura u n-Network fi ħdan Transport Malta ġie korrett għall-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**(il-Kunsill appellant)**

16 ta' Ġunju, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:**

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba[1] ppreżentat fis-17 ta' Mejju 2010 quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha John Vella, u l-istess John Vella talbu li jiġi rifużi s-somma ta' erba' mija wieħed u disgħin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€491.76) mill-Konvenut Kunsill Lokali Luqa rappreżentanti *excess payment* li John Vella ħallas lis-soċjetà assiguratriċi kif ukoll danni fuq il-vettura LCL 825 proprjetà tal-imsemmi John Vella li

[1] Fol. 1.

għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi sofferti in segwitu għal inċident li seħħ fit-22 ta' Jannar 2009 għall-ħabta tal-10:40 ta' filgħaxija fi Triq Ħal Tarxien, Luqa bħala riżultat ta' allegat xogħol traskutat u/jew mhux skont is-sengħa u l-arti, u/jew minħabba nuqqas ta' sinjaletika in konnessjoni ma' l-istess xogħol illi sar fl-imsemmija triq minn jew fuq l-inkarigu tal-Kunsill konvenut.

2. Permezz ta' risposta[2] ppreżentata fit-23 ta' Ġujnu 2010, l-konvenut Kunsill ikkontesta l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Wara x-xhieda mogħtija minn John Vella fis-6 ta' Diċembru 2010,[3] peress li kien hemm indikazzjoni li l-parti tat-Triq fejn seħħ l-inċident jista' jkun li hija denominata bħala Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, l-atturi talbu l-kjamat in kawża tad-Direttorat dwar l-Infrastruttura u n-*Network* fi ħdan Transport Malta li huwa responsabbli għaliha. Din it-talba ġiet milqugħa fl-4 ta' Mejju 2011.[4]

4. Fil-11 ta' Ġunju 2012, id-Direttorat dwar l-Infrastruttura u n-*Network* fi ħdan Transport Malta wieġeb illi in linea preliminari mhuwiex leġittimu kontradittur u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu it-triq fejn seħħ l-allegat inċident ma taqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu peress li mhix triq arterjali jew distributorja. Bla ħsara għal dan, irrespinġa l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Illi b' sentenzja mogħtija fid-9 ta' April 2015, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda l-każ billi:

> *' (1) jilqa l-eċċezzjonijiet tal-Imsejjħa fil-Kawża (2) jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Kunsill Lokali Luqa (3) jilqa t-TALBA tal-Atturi fil-konfront tal-Kunsill Lokali, Luqa u jikkundannah iħallas il-quantum ta' erba' mija sitta u tletin Ewro ħamsa u sebgħin ċenteżmi lis-Soċjeta' Attriċi Argus Insurance Agencies Ltd u ħamsa u ħamsin Ewro (€55) lill-Attur John Vella u dana bl-imgħax mill-24 ta' Mejju 2010 sal-jum tal-pagament effettiv u (4) jikkundanna lill-Kunsill Lokali Luqa jħallas l-ispejjes tal-kawża kollha u dawk mitluba fl-AVVIŻ ħlief dawk tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta li, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa fil-konfront tagħha.'*

6. Minn din is-sentenza appella l-Kunsill Lokali Luqa. L-aggravji huma s-segwenti:

---

[2] Fol. 4.
[3] Ma ġietx reġistrata fuq it-tape – vide fol. 20.
[4] Fol. 29.

a. Is-sentenza appellata hija nulla u bla effett skont l-art. 789(1)(c) u (d) tal-kap. 12 in kwantu t-Tribunal ma tax ir-raġunijiet li fuqhom ibbaża d-deċiżjoni tiegħu li t-tiswija tal-ħofra in kwistjoni kienet fir-responsabbiltà tal-Kunsill, bi ksur tal-Art. 218 tal-Kap. 12, u dan minħabba f' hekk mar b' mod gravi kontra d-dettami ta' smiegħ xieraq u ekwità skont il-liġi b' dannu għall-Kunsill;

b. It-Tribunal għamel żbalji gravi, impellenti u fundamentali fl-apprezzament tal-fatti u l-provi mressqa quddiemu li wrew biċ-ċar li: (i) l-inċident mertu tal-kawża ma seħħx fi Triq Ħal-Tarxien, imma fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa; u (ii) Triq il-Kunsill tal-Ewropa hija triq arterjali u disributorja li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-kjamata fil-kawża Awtorità għat-Trasport f' Malta.

7. Illi permezz ta' risposta datata 14 ta' Mejju 2015 l-Awtorità għat-Trasport f' Malta wieġbet li r-rikors tal-appell imressaq mill-Kunsill Lokali appellanti huwa inammissibbli a tenur tal-Artikolu 8 tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana għaliex ma jinkwadra ruħu fl-ebda waħda mir-rekwiżiti mitluba mil-liġi bħala bażi għal appell minn sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Mingħajr preġudizzju għal dan wieġbet ukoll li s-sentena appellata hija tajba u ġusta u skont il-liġi u timmerita konferma filwaqt li ċaħdet l-aggravji tal-Kunsill appellant bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, frivoli u vessatorji.

8. Is-soċjetà appellata Argus Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited irrispondiet fl-20 ta' Mejju 2015 wieġbet illi l-aggravju tal-Kunsill appellanti għandu jiġi miċħud u kwindi t-talbiet kontenuti fir-Rikors tal-Appell tal-istess appellanti għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanti. Bla preġudizzju, hija ssottomettiet ukoll li f'każ li din il-Qorti tilqa' l-Appell tal-Kunsill konvenut, ikun isegwi li teħtieġ dikjarazzjoni ta' responsabbiltà u kundanna għall-ħlas tad-danni sofferti minnha fil-konfront tal-Awtorità appellata.

**Ikkunsidrat:**

9. Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-inkartament huma s-segwenti:

- **John Vella** xehed[5] illi fit-23 ta' Jannar 2009[6] kien għaddej fit-Triq ta' quddiem '*Miller*' **mit-triq prinċipali li tieħu minn Ħal Luqa għal Raħal Ġdid** fid-direzzjoni ta' Santa Lucia. Hemmhekk daħal ġo *pothole* u infaqawlu żewġ *tyres*. Kellu jbiddel ukoll żewġ *shock absorbers*. L-għada mar l-għassa ta' Ħal Luqa jagħmel rapport. Sa dakinhar kien jaf biss bil-ħsara li kellu fit-*tyre* li tammonta għal €50. Ċaħad li semmilhom l-Awtorità dwar it-Trasport. Sussegwentement mar għand is-soċjetà assiguratriċi attriċi u peress li għandu polza *fully comprehensive* ħallsulu l-ħsarat u ġew surrogati fid-drittijiet tiegħu. Qabel ma kellem lill-*insurance* kien bagħat email lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa[7] sabiex jikkonferma li l-Awtorità dwar it-Trasport hija responsabbli għall-manutenzjoni tat-triq fejn ġara l-inċident. Huwa bgħat ukoll email lill-Awotrità dwar it-Trasport[8] iżda ma kellux risposta. **F' dawn iż-żewġ *emails* l-attur Vella ddikjara li l-inċident seħħ fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa quddiem Miller**. In kontro-eżami[9] huwa xehed li l-ħofra li daħal fiha kienet tinsab fin-nofs tat-triq n-naħa tas-*central strip* ħdejn Miller u **kienet mogħttija b' ħafna ilma** u għalhekk ma setgħax jaraha. Huwa kien fuq l-*outer lane* u ġarrab l-aktar ħsara fuq in-naħa tax-xellug. Ikkalkula li kien għaddej bil-ħamsin jew sittin kilometru fis-siegħa. Huwa taqqab iż-żewġ roti tan-naħa tax-xellug. Xehed li l-għada kienet għadha tidher din il-ħofra għalkemm kienu ppruvajw jirrimedjaw billi għamlu żewġ knaten fiha. Għalkemm oriġinarjament ħaseb li l-ħsara minnu subita kienet fit-*tyres* mifqugħa, għaliex wieħed minnhom kellu jinbidel, sussegwentement ħass li karozza ma kinitx tinħass kif suppost u Muscat Motors ikkonfermawlu li kien hemm problema fis-*shock absorbers.* Fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2015[10] reġa' tenna illi '***biex inkun ċar kont qed insuq fit-triq prinċipali il-wiesgħa li llum inqalat u nbidlet , mhux fid-daħla ħa ngħidu hekk ta' Miller. Mhux fit-triq li tiżbokka fit-triq prinċipali.'***

- **WPC 271 Svetlana Bugeja** xhedet[11] illi huma ma marrux fuq il-post iżda John Vella kien mar jagħmel ir-rapport l-għada tal-inċident. Huwa kien qalilhom li ġralu inċident quddiem '*Miller*' u għalhekk żiedu l-kliem '*Tarxien Road*' fir-rapport. John Vella qalilhom ukoll li mill-Kunsill Lokali kienu qalulu li l-manutenzjoni tal-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident kienet

[5] Fol. 44.
[6] Fir-rapport a fol. 42 ġie ndikat li l-inċident seħħ fit-22 ta' Jannar 2009.
[7] Dok JV1 a fol. 46.
[8] Dok JV2 a fol. 47.
[9] Fol. 82.
[10] Fol. 124.
[11] Fol. 39 et. seq.

responsabbiltà tal-Awtorità dwar it-Trasport. Hija pprezentat kopja tal-okkorrenza bħala **Dok SB**.[12]

- Fit-30 ta' Jannar 2009, Michael Borg, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, in risposta għall-*email* tal-attur Vella kkonferma li: (1) rapport dwar il-ħofra in kwistjoni kien sar lill-ADT; u (2) Triq il-Kunsill tal-Ewropea taqa' kollha kemm hija taħt ir-responsabbilità tal-Gvern Ċentrali.[13]

- Permezz ta' affidavit, **Simon Paris**,[14] *claims manager* tas-soċjetà attriċi appellata, ikkonferma li John Vella ħallas ħamsa u ħamsin Ewro (€55) *excess payment* biex fetaħ il-*claim* dwar l-inċident *de quo*. Xehed ukoll li s-soċjetà appellata inkarigat lil Walter Vella, *registered motor vehicle surveyor*, sabiex jagħmel stima tal-ħsarat fil-vettura assigurata u eżebixxa s-*survey report* imħejji mill-imsemmi Walter Vella bħala **Dok SP1**.[15] Dawn ix-xogħlijiet ġew awtorizzati li b' kollox ammontaw għal erba' mija, wieħed u disgħin u sitta u sebgħin Ewro (**€491.76**) rappreżentanti €449.83 *parts, labour* u *spray*,[16] €6.99 rapport tal-Pulizija[17] u €34.94 *survey report.* Is-soċjetà attriċi batiet l-ispiża totali ta' €436.76 filwaqt li l-attur Vella ħallas is-somma ta' €55 bħala *excess payment.* Is-soċjetà appellata batiet ukoll l-ispejjeż ta' żewġ ittri legali u tlett ittri uffiċjali. Xehed ukoll li permezz ta' ittra responsiva l-Awtorità Dwar it-Trasport u d-Direttorat għall-Infrastruttura tan-*Network* fi ħdana wieġbu li Triq Ħal Tarxien, Luqa ma taqax taħt ir-responsabbiltà tagħhom peress li ma tikkwalifikax bħala triq arterjali jew distributorja.[18]

- **Walter Vella**,[19] *in house motor vehicle surveyor* mas-soċjeta appellata, ikkonferma s-survey imħejji minnu fit-2 ta' Ġunju 2009 a fol. 59 tal-proċess u li sab ħsarat fit-*tyres u fis-suspension* kompatibbli ma' daqqa ġo ħofra. Ikkonferma li fl-istat li kienet, il-karozza ma kinitx sigura biex tinstaq.

[12] Fol. 41.
[13] Dok JV1 a fol. 46.
[14] Fol. 56.
[15] Fol. 59.
[16] Dok SP2 sa Dok SP5 a fol. 60 et. seq.
[17] Dok SP6 a fol. 64.
[18] Dok SP9 a fol. 67.
[19] Fol. 104.

- **Nicholas Baldacchino**,[20] *manager legal support* fi ħdan Transport Malta, ikkonferma li f' Ħal Luqa hemm biss zewġ toroq arterjali u distributorji, ċioé Triq il-Kunsill tal-Ewropa u Vjal l-Avjazzjoni. B'hekk it-Triq Ħal Tarxien taqa' taħt il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li għandu r-responsabbilità jżommha *in good working order* u jagħmel ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni. **Ikkonferma li l' fetha quddiem Miller Distributors Limited hija fil-fatt parti minn Triq Ħal Tarxien**. Huwa eżebixxa serje ta' dokumenti in sostenn ta' dan kif ukoll dokumenti oħra li juru li l-Transport Malta kienet tieħu ħsieb li ssir il-manutenzjoni meħtieġa fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa.[21]

- **Ronald Żammit**,[22] ġia *field officer* mal-Awtorità għat-Trasport xehed li kien x-xogħol ta' manutenzjoni li ġie mħallas permezz tal-*invoice* a fol. 100 tal-proċess ġie ordnat minnu. Ikkonferma li d-data tal-21 ta' Jannar 2009 li huwa niżżel fuq dak id-dokument kienet il-ġurnata meta ffirmah u mhux neċessarjament il-ġurnata meta ċċertifika li x-xogħlijiet saru. Ovvjament ix-xogħol ta' *patching* bil-*cold asphalt* kien sar qabel. Madanakollu spjega illi '*meta nkun għamilt l-ispezzjoni tiegħi ma tkunx ħafna wara li jkun sar ix-xogħol bil-cold asphalt għax speċjalment fix-xitwa meta jkun hemm ix-xita, dan il-materjal huwa soluble fl-ilma allura jekk tiġi ħafna xita jkun hemm ċans li l-istess xogħol jerġa' jinqala.'*

- **Michael Portelli**,[23] is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill appellant, xehed biss li di xjenza proprja ma jaf xejn għaliex ma kienx jokkupa din il-kariga fiż-żmien tal-inċident.

<u>**Konsiderazzjoni.**</u>

10. Permezz ta' risposta datata 14 ta' Mejju 2015 l-Awtorità għat-Trasport f' Malta wieġbet li r-rikors tal-appell imressaq mill-Kunsill Lokali appellanti huwa inammissibbli a tenur tal-Artikolu 8 tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana għaliex ma jinkwadra ruħu fl-ebda mir-rekwiżiti mitluba mil-liġi bħala bażi għal appell minn sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

11. **L-artikolu 8(2) tal-Kap. 380** jipprovdi kif ġej:

[20] Fol. 105.
[21] Dok NB 1 sa Dok NB 10 a fol. 90 et. seq.
[22] Fol. 114 et. seq.
[23] Fol. 124.

*'(2) Indipendentement mill-ammont tat-talba, jista' dejjem isir appell fil-każijiet li ġejjin:*

*(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;*
*(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;*
*(ċ) fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);*
*(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.'*

12. L-**artikolu 8(3) tal-Kap. 380** imbgħad jipprovdi illi:

*'Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni, kalkolat skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(2), jaqbeż elf u ħames mitt euro (€1,500).'*

Fiż-żmien li ġie ntavolat l-appell, kien hemm jedd ta' appell fil-każijiet kollha meta l-ammont jaqbeż is-somma ta' elf mija u erba' u sittin ewro u disa' u sittin centezmu (€1,164.69).

13. Il-Kunsill appellant beda biex jilmenta li s-sentenza hi nulla skont l-art. 789(1)(c) u (d) tal-kap. 12 peress li t-Tribunal ma tax ir-raġunijiet li fuqhom ibbaża d-deċiżjoni tiegħu li t-tiswija tal-ħofra in kwistjoni kienet fir-responsabbiltà tal-Kunsill, bi ksur tal-Art. 218 tal-Kap. 12. Minħabba f' hekk mar b' mod gravi kontra d-dettami ta' smiegħ xieraq u ekwità skont il-liġi b' dannu għall-Kunsill.

14. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, ir-*ratio decidendi* hi antiċipata mill-apprezzament tal-fatti li jagħti ħjiel tar-raġunament tat-Tribunal li silet is-segwenti fatti bħala l-bażi tad-deċiżjoni tiegħu:

- *'**WPC Svetlana Buġeja** ippreżentat ... kopja tal-okkorrenza ... John Vella qal li tal-Kunsill kienu qalulu li r-responsabbiltà kienet tal-ADT. Il-post imniżżel bħala quddiem Miller Distributors Ltd, Triq Tarxien, Luqa'*

- *'**John Vella** ... spjega kif mill-Kunsill Lokali, Luqa bagħtuh l-ADT ...'*

- *'**Nicholas Baldacchino**, Manager Legal Support ma' Transport Malta, qal li f' Ħal Luqa jaqgħu taħthom biss Triq il-Kunsill tal-Ewropa u Vjal l-Avjazzjoni. Fejn ġara l-inċident jaqa' taħt il-Kunsill Lokali, Luqa. Esebixxa fir-rigward Dok NB1 ... DokNB2 ... Dok NB3 ... Dok NB4 ... u Dok NB5'.*

15. Illi wara li elenka s-sunt tal-provi li fuqhom sejjes id-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal għamel il-kunsiderazzjonijiet segwenti:

*'1. It-TRIBUNAL qies bir-reqqa l-provi miġjuba quddiemu u qies ukoll is-sottomissjonijiet tad-difensuri u wasal għall-konklużjonijiet hawn imfissra.*

*2. L-ewwelnett John Vella ma jaħti xejn li ġralu l-inċident konsistenti f' tisbita ġo ħofra. Din ma setax jaraha meta tqis li kien id-dlam u kienet mimlija ilma. Anqas jirriżulta xi speed irraġjonevoli. Dik il-ħofra kienet nasba għas-sewwieqa u fil-fatt hu semma li ra fit-triq xi sewwieqa oħra mal-ġenb f' attitudni ta' min jiċċekkja għal xi ħsara fil-vettura.*

*3. Dwar l-entita' tal-ħsara, mix-xhieda tal-istess John Vella, ta' Simon Paris għas-Soċjeta' Attriċi u tas-Surveyor Walter Vella meħuda flimkien, il-quantum mitlub hu għal kollox ġustifikat.*

*4. Tibqa l-problema ta' min ser iġorr il-piż, hux il-Kunsill Lokali, Luqa jew Transport Malta. Fil-fehma meqjusa tat-Tribunal, l-Imsejjha fil-Kawża ppruvat soddisfaċentement li t-tiswija ta' dik il-ħofra kienet fir-responsabilta' tal-Kunsill Lokali, Luqa.'*

16. Mis-sentenza hu evidenti li t-Tribunal laqa' t-talba tal-attur fil-konfront tal-Kunsill Lokali għaliex:-

    a. L-attur kien ta prova li waqt li kien qiegħed isuq il-vettura, daħal f'ħofra u saret ħsara lill-vettura tiegħu.
    b. Il-Kunsill Lokali kien responsabbli għad-danni peress li l-inċident seħħ fi triq li għaliha kien responsabbli l-Kunsill Lokali.

    Il-kostatazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fuq il-fatti stabbiliti juru li kien konvint li l-inċident seħħ fi Triq Ħal Tarxien, Luqa li rriżulta li kienet taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

17. Hu manifest li s-subartikoli (3) u (2)(a), (b), u (ċ) ma japplikawx għall każ odjern. Għalhekk irid jiġi evalwat jekk is-subartikolu 2(d), li jirreferi għal sitwazzjoni fejn it-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella, japplikax għall-każ odjern.

18. Fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance PCC Limited (C5601) pro et vs B.A.S. Limited et*** deċiża fit-13 ta' Jannar 2016 ingħad:

    *'Fl-att m'hemmx definizzjoni tal-kelma "ekwità skond il-liġi". Il-prinċipju hu aequitas sequitur legem, fis-sens li l-ekwità ssegwi l-liġi. Ekwità li tissupplementa l-liġi. Qorti li trid tiddeċiedi a bażi ta' ekwità skond il-liġi m'hijiex ġustifikata li tiskarta l-liġi. Skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 380 Tribunal għandu jiddeċiedi "…prinċipalment skond l-ekwità".*

19. Fir-rigward ta' paragrafu (d) tal-artikolu 8(2) tal-Kap. 380 din il-qorti fil-kawża ***Oscar Gatt vs Silvio Brincat*** deċiża fit-12 ta' Jannar 2001, qalet:-

> *'Issa mill-aggravju lilha sottomess mill-appellant, din il-Qorti ma tara xejn li jista' jinduċiha biex tikkonkludi li t-Tribunal kien agixxa b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita' u tal-ekwita'. Indubbjament bl-ebda mod ma seta' jkun hemm aċċenn ta' rifless fuq l-imparzjalita' tat-Tribunal. Infatti fl-ebda mument ma ġie aċċennat li t-Tribunal ma mexiex b'mod xieraq u gust fil-kondotta tal-proċeduri. Il-fatt illi fid-deliberazzjoni tiegħu, anké kif redatti fil-konsiderazzjonijet tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal għażel li jadotta bħala aktar kredibbli u attendibbli l-verżjoni li ta l-konvenut ta' kif seħħ l-inċident, bl-ebda mod ma jfisser li t-Tribunal kien aġixxa b'mod parzjali bi pregudizzju ta' l-attur appellant. Ifisser biss li fl-apprezzament tiegħu tal-provi prodotti, it-Tribunal ikkonvinċa ruhu li l-verżjoni ta' kif seħħ l-inċident, mogħtija mill-attur u mill-provi tiegħu, ma kienetx tissodisfa dak il-minimu meħtieġ biex it-Tribunal jaċċetta bħala provati l-premessi għat-talba tiegħu.*
>
> *In tema ta' ekwita', din il-Qorti ma tarax kif jista' l-appellant jadduċi din ir-raguni bħala motiv biex jinfiċja d-deċiżjoni appellata. It-Tribunal infatti m' għamel l-ebda eżerċizzju ta' ekwita' u d-deċiżjoni tiegħu kienet bażata unikament fuq konsiderazzjonijiet fattwali kif joħorġu mill-provi tal-kontendenti. L-Appell hu għalhekk improponibbli u l-eċċezzjoni ta' l-appellat f'dan ir-rigward tirriżulta għal kollox sostnuta.'*

20. Imbagħad fis-sentenza ***Rita Bihiga vs Adrian Busuttil*** deċiża minn din il-qorti fl-1 ta' Novembru 2006, ingħad:

> *'Bil-konoxxenza sħiħa tal-fatti, ġudizzju bħal dan, li fih ma ġie espress ebda kunċett ta' ekwita` imma* ***mera evalwazzjoni diskrezzjonali tal-fatti****, ma huwiex sindakabbli minn din il-Qorti skond il-parametri stretti tal-Kapitolu 380 għad-dritt ta' l-appell quddiemha. Ara "****John Attard -vs- Charles Agius****", Appell, 14 ta' Gunju 2001. F' kull każ jista' jiżdied illi anke jekk viżwalizzata mill-ottika ta' l-ekwita` is-sentenza ma tippekkax'*

21. Isegwi li għalkemm hemm x'jingħad dwar l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal inkwantu din il-Qorti mhijiex daqstant konvinta li l-inċident *de quo* seħħ fi Triq Ħal Tarxien[24] u liema triq taqa' fir-responsabbilta tal-Kunsill Lokali

---

[24] L-attur Vella tenna kemm-il darba fix-xhieda tiegħu li huwa kien jinstab fit-triq prinċipali li tieħdok minn Ħal Luqa għal Raħal Ġdid. Saħansitra, f'email datata 29 ta' Jannar, 2009 (fol. 47) li bagħat lill-imsejħa fil-kawża, kiteb: *"Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar kelli accident bil-vettura tiegħi fejn sofrejt ħsarat minħabba ħofra li kienet tinsab fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa (Quddiem Miller)"*. Hu minnu li fir-rapport tal-pulizija jingħad li l-inċident seħħ fi Triq Ħal Tarxien (fol. 42), pero WPC 271 Svetlana Bugeja (kitbet ir-rapport) xehedet: *"John Vella kien qalilna li ġralu l-inċident quddiem Miller u l-kelma Tarxien Road zidniha aħna għax qalilna quddiem Miller, tiġi Tarxien Road"* (fol. 40).

għall-manutenzjoni u tiswija,[25] il-ġurisprudenza tgħallem li ***'huwa nkontestat li l-liġi teskludi appell fuq apprezzament ta' fatt'*** .[26] Isegwi għalhekk li dwar dan l-aggravju l-Kunsill Lokali ma kellux jedd ta' appell.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.

[25] Jirriżulta mill-provi li Triq il-Kunsill tal-Ewropa hija triq arterjali u distributorja u taqa' taħt r-responsabbiltà tal-Awtorità għat-Trasport f' Malta.
[26] *Falzon Joan vs Ciantar Michael Angelo*, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 15 t'April 2004.